2025/2355

20.11.2025

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/2355

tat-13 ta' Novembru 2025

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/450 fir-rigward tal-pubblikazzjoni tar-referenzi tad-Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni għas-sistemi ta' vitraġġ għall-gallariji u t-terrazzini mingħajr oqfsa vertikali u sistemi komposti ta' iżolazzjoni termali esterna b'sistema ta' tikħil u prodotti oħra għall-bini

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kumerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 22 tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 305/2011, wara talbiet mingħand il-manifatturi għal Valutazzjonijiet Tekniċi Ewropej, l-organizzazzjoni tal-Korpi tal-Valutazzjoni Teknika adottat 66 Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni.

(2) Is-66 Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni huma relatati mar-referenzi li ġejjin għall-prodotti għall-bini:

— sistemi ta' vitraġġ għall-gallariji u t-terrazzini mingħajr oqfsa vertikali (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika "EAD 020002-00-0404");

— sistemi komposti ta' iżolazzjoni termali esterna b'sistema ta' tikħil (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika "EAD 040083-00-0404");

— prodotti magħmula l-fabbrika minn tereftalat tal-polietilen estruż u fl-għamla ta' fowm għall-iżolament termali;

— kits ta' rivestiment — unitajiet prefabbrikati għall-iżolazzjoni esterna tal-ħitan u l-apparat għat-twaħħil tagħhom (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika "EAD 040914-00-0404");

— kits magħmula minn pannelli tal-iżolazzjoni b'finitura protettiva għas-soqfa invertiti;

— kits għall-immuntar tat-twieqi u l-bibien quddiem il-ħitan;

— elementi ta' iżolazzjoni termali magħmula minn polimeri rinforzati bil-fibra li jiffurmaw interruzzjoni termali bejn elementi strutturali;

— elementi ta' iżolazzjoni termali li jifilħu għat-tagħbija li jiffurmaw interruzzjoni termali bejn il-gallariji u s-sulari interni (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika "EAD 050001-00-0301");

— bearings sferiċi u ċilindriċi b'materjal speċjali li jiżloq magħmul minn polietilen b'piż molekulari għoli ħafna (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika "EAD 050004-00-0301");

— bearings sferiċi u ċilindriċi b'materjal speċjali li jiżloq magħmul minn fluworopolimeru (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika "EAD 050009-00-0301");

— pannelli għall-iskular assemblati minn qabel magħmula minn gabjuni u ġeotessuti;

— kits magħmula minn subframe u komponenti tal-irbit biex jitwaħħlu l-elementi tat-tlibbis u elementi tal-ħitan esterni (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika "EAD 090034-00-0404");

— varjant: kits għat-tlibbis ta' ħitan esterni mwaħħla mekkanikament — estensjoni tal-ambitu;

([1]) ĠU L 88, 4.4.2011, p. 5, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/305/oj.

— pannelli tal-ħġieġ taċ-ċeramika għat-tlibbis estern;

— ċangaturi tal-ġebel sinterizzat ta' daqs sħiħ għall-użu fit-tlibbis, fil-paviment, fil-pavimentar, fit-turġien, fl-iskrins tax-xita u fil-kits tal-ħitan purtiera;

— kits għal ħitan ventilati li jsostnu lilhom infushom, bi spazju bejniethom u li huma interkonnessi;

— pannell kompost, abbażi tal-injam, għall-faċċati;

— riffieda riġida kontra ċ-ċaqliq laterali sismiku għall-pajpijiet tal-bexxiexa għat-tifi tan-nar;

— ġonot tal-espansjoni bi plagg flessibbli għall-pontijiet tat-toroq b'mili flessibbli bbażat fuq polimeru sintetiku bħala legant (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika "EAD 120011-00-0107");

— kolonni tad-dawl, tal-injam u tal-metall;

— injam laminat b'fuljetti inkullati;

— glulam imsaħħaħ b'injam laminat b'fuljetti, injam laminat b'fuljetti inkullat magħmul minn laminazzjonijiet imminċottjati f'xulxin u glulam magħmul bl-inkullar ta' blokok minnhom;

— simenti speċjali — simenti li jibbiesu bil-karbonazzjoni li jeħtieġu proċess partikolari ta' twebbis;

— simenti mħalltin b'kontenut għoli ta' materjal għall-mili, gagazza tal-forn tal-blast mitħuna granulata jew materjal pozzolaniku jew it-tnejn, u klinker;

— kits għat-tisħiħ tal-elementi tal-konkrit permezz ta' strixxi magħmula minn polimeru msaħħaħ bil-fibra tal-karbonju mwaħħlin esternament u mmuntati qrib is-superfiċje (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika "EAD 160086-00-0301");

— akkoppjaturi għal ċombaturi mekkaniċi ta' vireg tal-azzar rinforzanti (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika "EAD 160129-00-0301");

— konnetturi tal-istuds għall-ankraġġ ta' membri tal-konkrit rinforzati kif ukoll għall-konnessjoni ta' membri tal-azzar ma' membri tal-konkrit rinfurzati;

— blokok tal-materjal tal-art solidi kkompressati bil-ġir jew bis-siment jew mingħajrhom u kits tal-ħitan magħmulin minn dawn il-blokok u tajn tal-ġir idrawliku naturali;

— bażi għall-pilastri għal konnessjonijiet strutturali ta' pilastri tal-konkrit rinforzati;

— sezzjonijiet strutturali vojta tal-azzar tat-tip "corten";

— ħbula tal-fibra b'konnetturi fit-tarf;

— folji rqaq tal-metall komposti (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika "EAD 210046-00-1201");

— varjant: valutazzjoni tal-komponenti għall-pannelli komposti magħmula mill-injam mhux prodotti mill-manifatturi nfushom;

— pannelli magħmula mill-klorur tal-polivinil li ma jifilħux tagħbija għal ħitan fuq ġewwa u fuq barra;

— shingles b'massa baxxa ta' bitum, laminati jew le, b'rinforz minerali jew sintetiku (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika "EAD 220020-00-0402");

— viti għall-irbit b'viti ssettjati wweldjati jew iffurmati fil-kiesaħ;

— klipep tat-twaħħil u klipep li jiżżerżqu għas-soqfa b'kumenti wieqfa doppji;

— varjant: prodotti għall-immarkar tat-toroq — estensjoni tal-ambitu;

— varjant: Kompost għall-bitum u taħlitiet bituminużi abbażi tat-trab tal-lastku mfarrak — estensjoni tal-ambitu;

— elementi tal-fibra tal-ġebla użati għall-ħżin tal-ilma fuq skala kbira f'xogħlijiet ċivili;

— adeżivi għat-tlibbis tal-ħitan;

— prodotti għal sistemi tal-installazzjoni għal tagħmir tal-bini tekniku ta' appoġġ;

— varjant: kanali tal-ankraġġ taħt forza tat-tiċrit minn reħi ċikliku b'livell tat-tagħbija aktar baxx differenti;

— varjant: kanali tal-ankraġġ għal turnaviti tal-impatt ikkontrollat;

— elementi ta' rbit mekkaniċi għall-użu fil-konkrit (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika "EAD 330232-01-0601");

— elementi tal-irbit installati wara fil-konkrit taħt tagħbija b'reħi ċikliku (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika "EAD 330250-00-0601");

— varjant: ankri tal-plastik għal sistemi ridondanti mhux strutturali fil-konkrit u fix-xogħol tal-ġebel, u għat-twaħħil ta' tlibbis tal-faċċata permezz ta' brackets angolari taħt azzjonijiet sismiċi fil-konkrit u fix-xogħol tal-ġebel;

— ankri bil-kamin għall-użu fix-xogħol tal-ġebel;

— varjant: boltijiet ankra cast-in taħt kundizzjonijiet ta' reħi jew azzjonijiet sismiċi;

— assemblaġġi strutturali ta' rbit bil-boltijiet ta' saħħa kbira għal issikkar idrawliku, mingħajr frizzjoni u mingħajr torsjoni;

— apparati ta' ankraġġ għall-irbit tas-sistemi personali ta' protezzjoni kontra l-waqgħat ma' sottostrutturi tal-injam (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika "EAD 331846-00-0603");

— sistemi li jiffissaw id-distanza għall-użu fil-konkrit u fix-xogħol tal-ġebel;

— kits għall-konnessjoni ta' elementi tal-faċċata tal-konkrit prefabbrikat ma' strutturi tal-konkrit ibbażati fuq kanali tal-ankraġġ;

— assemblaġġi għall-irbit tal-istrutturi ta' appoġġ;

— kits ta' element ta' rbit tal-punti għall-pannelli tas-soqfa;

— apparati ta' ankraġġ għall-irbit ta' sistemi ta' protezzjoni kontra l-waqgħat mill-għoli ma' sottostrutturi tal-folji trapezojdali tal-azzar jew tal-aluminju;

— kits tax-shuttering iżolanti permanenti għal binijiet sħaħ;

— pannelli sandwich li jifilħu għat-tagħbija b'qalba polimerika jew tal-fowm u b'kisjiet ta' pannelli tal-partikoli strutturali magħquda bis-siment;

— kits li jifilħu għat-terremoti magħmula minn travi, kolonni u ġonot bejn it-travi u l-kolonni komposti tal-azzar u tal-konkrit;

— varjant: kits jew sistemi permanenti ta' shuttering iżolanti bbażati fuq blokok vojta jew panels magħmula minn materjali ta' iżolazzjoni u possibbilment mill-konkrit: blokok vojta reżistenti għat-terremoti;

— kits tal-polimeri rinforzati mill-fibra magħmula minn laminat tal-fibra tal-karbonju pultruż u adeżiv epossidiku;

— kits tal-polimeri rinforzati mill-fibra magħmula minn tessut tal-karbonju jew tal-ħġieġ u reżina epossidika;

— pannelli strutturali tal-ħitan komposti bl-azzar għas-sistemi tal-bini;

— strutturi li jżommu l-art magħmula mill-azzar b'ankra waħda li jifilħu tagħbija għolja u baxxa;

— gradilji ta' trasferiment ta' arja reattiva reżistenti għan-nar;

— tappijiet b'interzjar intumexxenti għal luminarji mdaħħla f'soffitti reżistenti għan-nar.

(3) Is-66 Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni jissodisfaw ir-rekwiżiti bażiċi għax-xogħlijiet ta' bini stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 305/2011. Għalhekk, jixraq li r-referenzi ta' dawk id-Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(4) Il-lista tar-referenzi tad-Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni għall-prodotti għall-bini ġiet ippubblikata skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/450 ([2]). Għal raġunijiet ta' ċarezza, ir-referenzi tad-Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni l-ġodda jenħtieġ li jiżdiedu ma' dik il-lista.

(5) Għalhekk, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/450 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

(6) Sabiex jiġi permess l-użu tas-66 Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni malajr kemm jista' jkun, ħalli l-manifatturi li diġà għandhom Valutazzjoni Teknika Ewropea jkunu jistgħu jintroduċu l-prodott tagħhom fis-suq, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/450 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Novembru 2025.

Għall-Kummissjoni
F'isem il-President
Kerstin JORNA
Id-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs/DĠ GROW

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/450 tad-19 ta' Marzu 2019 dwar il-pubblikazzjoni tad-Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni (EADs) għall-prodotti tal-bini abbozzati b'appoġġ tar-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 77, 20.3.2019, p. 78, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2019/450/oj).

ANNESS

Fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/450, ir-ringieli li ġejjin jiddaħħlu f'ordni sekwenzjali skont l-ordni tan-numri ta' referenza:

"020002-01-0404	Sistemi ta' vitraġġ għall-gallariji u t-terrazzini mingħajr oqfsa vertikali (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika 'EAD 020002-00-0404')"
"040083-01-0404	Sistemi komposti ta' iżolazzjoni termali esterna b'sistema ta' tikħil (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika 'EAD 040083-00-0404')"
"040179-00-1201	Prodotti magħmula l-fabbrika minn tereftalat tal-polietilen estruż u fl-għamla ta' fowm għall-iżolament termali"
"040914-01-0404	Kits ta' rivestiment — unitajiet prefabbrikati għall-iżolazzjoni esterna tal-ħitan u l-apparat għat-twaħħil tagħhom (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika 'EAD 040914-00-0404')"
"041827-00-0401	Kits magħmula minn pannelli tal-iżolazzjoni b'finitura protettiva għas-soqfa invertiti"
"041871-00-1201	Kits għall-immuntar tat-twieqi u l-bibien quddiem il-ħitan"
"041877-00-0301	Elementi ta' iżolazzjoni termali magħmula minn polimeri rinforzati bil-fibra li jiffurmaw interruzzjoni termali bejn elementi strutturali"
"050001-01-0301	Elementi ta' iżolazzjoni termali li jifilħu għat-tagħbija li jiffurmaw interruzzjoni termali bejn il-gallariji u s-sulari interni (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika 'EAD 050001-00-0301')"
"050004-01-0301	Bearings sferiċi u ċilindriċi b'materjal speċjali li jiżloq magħmul minn polietilen b'piż molekulari għoli ħafna (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika 'EAD 050004-00-0301')"
"050009-01-0301	Bearings sferiċi u ċilindriċi b'materjal speċjali li jiżloq magħmul minn fluworopolimeru (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika 'EAD 050009-00-0301')"
"080007-00-0101	Pannelli għall-iskular assemblati minn qabel magħmula minn gabjuni u ġeotessuti"
"090034-01-0404	Kits magħmula minn subframe u komponenti tal-irbit biex jitwaħħlu l-elementi tat-tlibbis u elementi tal-ħitan esterni (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika 'EAD 090034-00-0404')"
"090062-01-0404-v01	Varjant: Kits għat-tlibbis ta' ħitan esterni mwaħħla mekkanikament — estensjoni tal-ambitu"
"090074-00-0504	Pannelli tal-ħġieġ taċ-ċeramika għat-tlibbis estern"
"090142-00-0404	ċangaturi tal-ġebel sinterizzat ta' daqs sħiħ għall-użu fit-tlibbis, fil-paviment, fil-pavimentar, fit-turġien, fl-iskrins tax-xita u fil-kits tal-ħitan purtiera"
"090232-00-0404	Kits għal ħitan ventilati li jsostnu lilhom infushom, bi spazju bejniethom u li huma interkonnessi"
"090240-00-0404	Pannell kompost, abbażi tal-injam, għall-faċċati"
"100005-00-1106	Riffieda riġida kontra ċ-ċaqliq laterali sismiku għall-pajpijiet tal-bexxiexa għat-tifi tan-nar"
"120011-01-0107	Ġonot tal-espansjoni bi plagg flessibbli għall-pontijiet tat-toroq b'mili flessibbli bbażat fuq polimeru sintetiku bħala legant (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika 'EAD 120011-00-0107')"
"120017-00-0106	Kolonni tad-dawl, tal-injam u tal-metall"
"130337-00-0304	Injam laminat b'fuljetti inkullati"
"130740-00-0304	Glulam imsaħħaħ b'injam laminat b'fuljetti, injam laminat b'fuljetti inkullat magħmul minn laminazzjonijiet imminċottjati f'xulxin u glulam magħmul bl-inkullar ta' blokok minnhom"
"150035-00-0301	Simenti speċjali — simenti li jibbiesu bil-karbonazzjoni li jeħtieġu proċess partikolari ta' twebbis"

“150080-00-0301	Simenti mħalltin b’kontenut għoli ta’ materjal għall-mili, gagazza tal-forn tal-blast miħuna granulata jew materjal pozzolaniku jew it-tnejn, u klinker”
“160086-01-0301	Kits għat-tisħiħ tal-elementi tal-konkrit permezz ta’ strixxi magħmula minn polimeru msaħħaħ bil-fibra tal-karbonju mwaħħlin esternament u mmuntati qrib is-superfiċje (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika ‘EAD 160086-00-0301’)”
“160129-01-0301	Akkoppjaturi għal ċombaturi mekkaniċi ta’ vireg tal-azzar rinforzanti (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika ‘EAD 160129-00-0301’)”
“160202-00-0301	Konnetturi tal-istuds għall-ankraġġ ta’ membri tal-konkrit rinforzati kif ukoll għall-konnessjoni ta’ membri tal-azzar ma’ membri tal-konkrit rinfurzati”
“170051-00-0305	Blokok tal-materjal tal-art solidi kkompressati bil-ġir jew bis-siment jew mingħajrhom u kits tal-ħitan magħmulin minn dawn il-blokok u tajn tal-ġir idrawliku naturali”
“200102-00-0302	Bażi għall-pilastri għal konnessjonijiet strutturali ta’ pilastri tal-konkrit rinforzati”
“200116-00-0302	Sezzjonijiet strutturali vojta tal-azzar tat-tip “corten””
“200379-00-0602	~~H~~bula tal-fibra b’konnetturi fit-tarf”
“210046-01-1201	Folji rqaq tal-metall komposti (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika ‘EAD 210046-00-1201’)”
“210058-00-0504-v01	Varjant: Valutazzjoni tal-komponenti għall-pannelli komposti magħmula mill-injam mhux prodotti mill-manifatturi nfushom”
“210080-00-0505	Pannelli magħmula mill-klorur tal-polivinil li ma jifilħux tagħbija għal ħitan fuq ġewwa u fuq barra”
“220020-01-0402	Shingles b’massa baxxa ta’ bitum, laminati jew le, b’rinforz minerali jew sintetiku (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika ‘EAD 220020-00-0402’)”
“220169-00-0402	Viti għall-irbit b’viti ssettjati wweldjati jew iffurmati fil-kiesaħ”
“220183-00-0402	Klipep tat-twaħħil u klipep li jiżżerżqu għas-soqfa b’kumenti wieqfa doppji”
“230011-00-0106-v01	Varjant: Prodotti għall-immarkar tat-toroq — estensjoni tal-ambitu”
“230145-00-0105-v01	Varjant: Kompost għall-bitum u taħlitiet bituminużi abbażi tat-trab tal-lastku mfarrak — estensjoni tal-ambitu”
“230158-00-0101	Elementi tal-fibra tal-ġebla użati għall-ħżin tal-ilma fuq skala kbira f’xogħlijiet ċivili”
“250005-00-0606	Adeżivi għat-tlibbis tal-ħitan”
“280016-00-0602	Prodotti għal sistemi tal-installazzjoni għal tagħmir tal-bini tekniku ta’ appoġġ”
“330008-04-0601-v01	Varjant: Kanali tal-ankraġġ taħt forza tat-tiċrit minn reħi ċikliku b’livell tat-tagħbija aktar baxx differenti”
“330008-04-0601-v02	Varjant: Kanali tal-ankraġġ għal turnaviti tal-impatt ikkontrollat”
“330232-02-0601	Elementi ta’ rbit mekkaniċi għall-użu fil-konkrit (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika ‘EAD 330232-01-0601’)”
“330250-01-0601	Elementi tal-irbit installati wara fil-konkrit taħt tagħbija b’reħi ċikliku (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika ‘EAD 330250-00-0601’)”
“330284-00-0604-v02	Varjant: Ankri tal-plastik għal sistemi ridondanti mhux strutturali fil-konkrit u fix-xogħol tal-ġebel, u għat-twaħħil ta’ tlibbis tal-faċċata permezz ta’ brackets angolari taħt azzjonijiet sismiċi fil-konkrit u fix-xogħol tal-ġebel”
“330460-00-0604	Ankri bil-kamin għall-użu fix-xogħol tal-ġebel”
“330924-01-0601-v01	Varjant: Boltijiet ankra cast-in taħt kundizzjonijiet ta’ reħi jew azzjonijiet sismiċi”

“331531-00-0602	Assemblaġġi strutturali ta’ rbit bil-boltijiet ta’ saħħa kbira għal issikkar idrawliku, mingħajr frizzjoni u mingħajr torsjoni”
“331846-01-0603	Apparati ta’ ankraġġ għall-irbit tas-sistemi personali ta’ protezzjoni kontra l-waqgħat ma’ sottostrutturi tal-injam (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika ‘EAD 331846-00-0603’)”
“331985-00-0604	Sistemi li jiffissaw id-distanza għall-użu fil-konkrit u fix-xogħol tal-ġebel”
“332699-00-0601	Kits għall-konnessjoni ta’ elementi tal-faċċata tal-konkrit prefabbrikat ma’ strutturi tal-konkrit ibbażati fuq kanali tal-ankraġġ”
“332707-00-0602	assemblaġġi għall-irbit tal-istrutturi ta’ appoġġ”
“333915-00-0601	Kits ta’ element ta’ rbit tal-punti għall-pannelli tas-soqfa”
“334812-00-0602	Apparati ta’ ankraġġ għall-irbit ta’ sistemi ta’ protezzjoni kontra l-waqgħat mill-għoli ma’ sottostrutturi tal-folji trapezojdali tal-azzar jew tal-aluminju”
“340024-00-0103	Kits tax-shuttering iżolanti permanenti għal binijiet sħaħ”
“340282-00-0303	Pannelli sandwich li jifilħu għat-tagħbija b’qalba polimerika jew tal-fowm u b’kisjiet ta’ pannelli tal-partikoli strutturali magħquda bis-siment”
“340292-00-0303	Kits li jifilħu għat-terremoti magħmula minn travi, kolonni u ġonot bejn it-travi u l-kolonni komposti tal-azzar u tal-konkrit”
“340309-00-0305-v01	Varjant: Kits jew sistemi permanenti ta’ shuttering iżolanti bbażati fuq blokok vojta jew panels magħmula minn materjali ta’ iżolazzjoni u possibbilment mill-konkrit: blokok vojta reżistenti għat-terremoti”
“340351-00-0104	Kits tal-polimeri rinforzati mill-fibra magħmula minn laminat tal-fibra tal-karbonju pultruż u adeżiv epossidiku”
“340352-00-0104	Kits tal-polimeri rinforzati mill-fibra magħmula minn tessut tal-karbonju jew tal-ħġieġ u reżina epossidika”
“340549-00-0204	Pannelli strutturali tal-ħitan komposti bl-azzar għas-sistemi tal-bini”
“340739-00-0106	Strutturi li jżommu l-art magħmula mill-azzar b’ankra waħda li jifilħu tagħbija għolja u baxxa”
“351141-00-1104	Gradilji ta’ trasferiment ta’ arja reattiva reżistenti għan-nar”
“351281-00-1104	Tappijiet b’interzjar intumexxenti għal luminarji mdaħħla f’soffitti reżistenti għan-nar.”